

Brussell, 20 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8949/21

AGRI 229
FAO 17
COAFR 131
COHAFA 50
CONUN 74
ENV 323
CLIMA 117
SUSTDEV 67
DEVGEN 99
RELEX 453
SAN 310

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021 - <i>approvazzjoni</i>

1. Is-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres sejjaħ għal "Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel" fl-2021, bħala parti mid-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) sad-data fil-mira tal-2030. Is-Summit huwa skedat li jsir flimkien mas-76 Assemblea Ġenerali tan-NU (14-30 ta' Settembru 2021) u ser ikun preċedut minn tliet ijiem qabel is-Summit ospitati mill-Italja fis-26-28 ta' Lulju 2021 fil-kwartieri ġenerali ta' Ruma tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).
2. L-għan tas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel huwa li jniedi, fil-kuntest usa' tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, azzjonijiet kuraġġużi biex jittrasformaw il-mod kif id-dinja tipproduċi u tikkonsma l-ikel, sabiex tiġi żgurata l-kapaċità dejjiema li l-popolazzjoni dinjija li qed tikber tiġi mitmugħa b'mod sostenibbli. Is-Summit kiseb importanza partikolari fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, li qed taggrava l-inugwaljanzi eżistenti fl-aċċess għal biżżejjed ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa madwar id-dinja.

3. Il-proċess tas-Summit ilaqqa' flimkien lil dawk li jfasslu l-politika u esperti mill-gvernijiet nazzjonali u diversi korpi tan-NU ma' atturi ewlenin u partijiet ikkonċernati mis-soċjetà ċivili, is-settur privat u d-dinja tax-xjenza u l-akkademja. Barra minn hekk, il-membri tan-NU ġew imħeġġa jorganizzaw Djalogi nazzjonali dwar is-Sistemi tal-Ikel biex jipprovdu lin-nies bl-opportunità li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-Summit, f'konformità mal-prinċipju li kulħadd ser ikun meħtieġ jieħ u azzjoni biex jittrasforma s-sistemi tal-ikel fid-dinja.
4. Fit-tieni nofs tal-2020, taħt il-Presidenza Ġermaniża, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Koordinazzjoni (FAO) beda diskussjonijiet bil-għan li jipprepara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel. Il-Grupp ta' Ħidma rrikonoxxa, b'mod partikolari, l-importanza ewlenija tas-Summit biex tiġi promossa l-viżjoni tal-UE ta' futur sostenibbli, newtrali għall-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni assoċjati miegħu, b'mod partikolari l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija tal-UE għall-Biodiversità.
5. Abbażi tal-ħidma preparatorja komprensiva mwettqa mill-Presidenza Ġermaniża, il-Presidenza Portugiża mexxiet 'il quddiem id-diskussjonijiet mill-1 ta' Jannar 2021, filwaqt li ħeġġet lid-delegazzjonijiet biex jiżguraw koordinazzjoni wiesgħa fl-oqsma ta' politika fil-livell nazzjonali.
6. Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Koordinazzjoni (FAO) laħaq qbil dwar it-test finali tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-anness għal din in-nota.
7. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Koordinazzjoni (FAO) u approva l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill stabbilit fl-anness għal din in-nota fis-sessjoni li jmiss tiegħu tas-26 u s-27 ta' Mejju 2021 (Agrikoltura u Sajd).

ABBOZZ**ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit
tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FILWAQT LI JFAKKAR:**

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar "Azzjoni tal-UE biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli" (10341/19);
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2019 dwar "Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja" (10997/19);
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss" (14835/19);
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar "L-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt" (12099/20);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar "Il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti" (12210/20);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar "Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku" (14167/20);
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 dwar "L-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija Aġġornata" (14594/19);
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2019 dwar "Ir-Raba' Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni" (14457/19);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar "Tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni" (14554/18);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) (10227/18);

1. ITENNI l-impenn sħiħ tiegħu għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), u JAFFERMA MILL-ĠDID l-appoġġ sod tiegħu għad-Deċennju ta' Azzjoni biex tingħata spinta ġdida biex jintlaħqu s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) sal-2030. Aħna ser inkomplu naħdmu mill-qrib man-NU biex nippromwovu u nsaħħu l-azzjoni multilaterali bbażata fuq ir-regoli biex intemmu l-faqar, il-ġuħ u l-malnutrizzjoni, biex niproteġu l-pjaneta u biex niżguraw li l-persuni kollha jgawdu l-paċi u l-prosperità, abbażi tar-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem.
2. JILQA' l-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex, fil-kuntest tad-Deċennju ta' Azzjoni, jitlaqqa' Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel biex jitniedu azzjonijiet kuraġġużi biex jittrasformaw il-mod kif id-dinja tipproduċi u tikkonsma l-ikel, sabiex tiġi żgurata l-kapaċità dejjiema tagħna li nipprovdu biżżejjed ikel sikur u affordabbli u dieti tajbin għas-saħħa għal kulħadd fi ħdan il-limiti tal-pjaneta tagħna. Huwa essenzjali li jinbnew sistemi tal-ikel sostenibbli u xejriet ta' nutrizzjoni tajbin għas-saħħa biex tinkiseb l-Aġenda 2030.
3. JAPPREZZA l-fatt li s-Summit jiffoka fuq in-nies u huwa orjentat lejn is-soluzzjonijiet. Din hija opportunità storika għall-komunità dinjija biex tindirizza b'mod konġunt l-isfidi sistemiċi u interkonnessi li s-sistemi tal-ikel attwali qed jiffaċċjaw. Is-Summit huwa wkoll ta' importanza ewlenija biex nibnu mill-ġdid aħjar u b'mod aktar ekoloġiku mill-kriżi tal-COVID-19 u l-impatt soċjoekonomiku ta' tfixkil tagħha, li qed jaggrava l-inugwaljanzi, l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni.
4. HUWA IMPENJAT BIS-SĦIĦ LI jaħdem ma' pajjiżi mir-regġuni kollha tad-dinja u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jinkiseb eżitu ambizzjuż fis-Summit u azzjonijiet ta' segwitu effettivi, immexxija mill-prinċipji ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem u l-approċċ tad-dritt għall-ikel. Aħna lesti nimpenjaw ruħna f'dan l-isforz konġunt, iggwidat mill-Aġenda 2030 u mill-viżjoni ta' futur sostenibbli, b'impatt newtrali fuq il-klima u effiċjenti fir-riżorsi ppreżentat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew¹ u l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni assoċjati tiegħu, b'mod partikolari l-"Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt"² u l-"Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030"³, kif ukoll il-politiki tal-UE relatati mal-foresti u l-Politika Komuni tal-Agrikoltura u s-Sajd tal-UE.

¹ [15051/19 + ADD 1](#), [EUCO 9/19](#), [EUCO 29/19](#), [EUCO 22/20](#).

² [8280/20](#) u [12099/20](#).

³ [8219/20](#) u [12210/20](#).

5. ITENNI l-impenn tiegħu li jikkonsolida u jsaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-korpi u l-aġenziji kollha tan-NU involuti fis-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel u s-segwitu tiegħu, u jħeġġiġhom jaħdmu flimkien mill-qrib fl-ispirtu ta' "NU waħda".
6. JENFASIZZA l-prinċipji ġenerali u l-prijoritajiet ewlenin li ġejjin għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021:

PRINĊIPJI ĠENERALI GĦAT-TRASFORMAZZJONI TAS-SISTEMI TAL-IKEL

7. Is-sistemi tal-ikel għandhom impatt kritiku fuq il-ħajja, is-saħħa u l-benesseri tan-nies. Għandhom ukoll effetti fundamentali fuq ir-riżorsi naturali u l-ekosistemi tal-pjaneta. Is-sistemi tal-ikel attwali spiss jippreżentaw **nuqqasijiet strutturali u xejriet mhux sostenibbli** li, flimkien mal-**inugwaljanzi** li jeżistu fl-aċċess għal dieti tajbin għas-saħħa⁴, jeħtieġu l-**aċċellerazzjoni ta' azzjoni miftiehma**.
8. F'konformità mal-prinċipju ġenerali tal-Aġenda 2030 "li ħadd ma jitħalla jibqa' lura", it-tranżizzjoni tas-sistemi globali tal-ikel għandha tkun **ekwa u inklużiva**, u bbażata fuq **approċċ imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem**. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-persuni l-iktar foqra u l-aktar vulnerabbli, u lid-drittijiet tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni.
9. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-**kawżi prinċipali u l-fatturi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni** madwar id-dinja, b'mod partikolari l-faqar, l-inugwaljanzi, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, il-migrazzjoni furzata u l-kunflitti. F'dan ir-rigward, għandha tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni f'kuntatti fraġli u umanitarji, li jeħtieġ li jiġu indirizzati minn **perspettiva integrata umanitarja, ta' żvilupp u ta' paċi** fil-livelli kollha. Bl-istess mod, huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġi indirizzat l-impatt ċikliku tal-insigurtà tal-ikel u biex tittejjeb l-**assistenza umanitarja tal-ikel** biex jiġu appoġġati l-persuni u l-komunitajiet vulnerabbli f'kuntatti ta' kunflitt.
10. In-nisa jagħtu kontribut essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni madwar id-dinja, għalkemm dan jiġi sottovalutat. Il-**kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u t-tneħħija tal-ostakli soċjoekonomiċi u ostakli oħrajn għandhom kritiċi biex in-**nisa u l-bniet jingħataw is-setgħa** biex jaqdu r-rwol sħiħ tagħhom fit-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel.

⁴ Id-dieti tajbin għas-saħħa huma deskritti fil-[Linji Gwida Volontarji tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija \(CFS\) dwar is-Sistemi tal-Ikel u n-Nutrizzjoni](#) bħala sikuri, diversifikati, ibbilanċjati u bbażati fuq ikel nutrittiv.

11. L-isfidi assoċjati mat-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel huma interkonnessi mill-qrib mal-**isfidi usa' marbutin mas-sostenibbiltà, il-bijodiversità u l-klima** li qed tiffaċċa d-dinja. Jenħtiegħ li l-isforzi globali jkollhom l-għan li kemm iħeġġu **l-involvement attiv** kif ukoll jindirizzaw ir-**responsabbiltajiet tal-atturi kollha fil-fażijiet kollha tas-sistema tal-ikel**: il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ħażna, id-distribuzzjoni, il-konsum u r-rimi.
12. Il-bidla favur il-kisba ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti għandha tkun ibbażata fuq **approċċ olistiku u sistemiku** u mirfuda mir-**riċerka u l-innovazzjoni**. Dan jeħtiegħ l-użu aħjar u t-titjib ta' **metodoloġiji bbażati fuq ix-xjenza u l-evidenza** biex jiġu vvalutati l-esternalitajiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-ikel, inkluż l-ispejjeż moħbija tiegħu b'mod partikolari għall-ambjent u s-saħħa, u fehim komuni aħjar tas-sinerġiji u l-kompromessi potenzjali fi ħdan id-dimensjonijiet differenti tas-sistemi tal-ikel u bejniethom. Hija meħtieġa attenzjoni speċjali fuq l-appoġġ lill-**kollaborazzjoni fir-riċerka** u t-titjib tal-**interfaċċja bejn ix-xjenza u l-politika**, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-għarfien tradizzjonali u indiġenu.
13. **Approċċ** b'saħħtu u integrat **li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati**, li jkun ibbażat fuq djalogu u sħubiji bejn l-atturi pubbliċi u privati fil-livelli kollha, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet tal-għarfien u dawk li jfasslu l-politika, huwa ċentrali biex jitfasslu mill-ġdid ix-xejriet tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel. Huwa ta' importanza vitali li jiġi żgurat **l-involvement attiv tal-partijiet ikkonċernati** kollha b'termini ekwi, inkluż permezz ta' **ambjent ta' politika abilitanti** u inċentivi ekonomiċi u finanzjarji xierqa.
14. **Investiment responsabbli adegwat**, kemm minn atturi privati kif ukoll dawk pubbliċi fil-livelli kollha, huwa essenzjali biex jiġi żgurat sistemi tal-ikel li jaħdmu sew u biex jissaħħu s-swieq reġjonali u lokali. F'dan il-kuntest, hija meħtieġa azzjoni soda biex jithegħeġ l-użu u l-applikazzjoni ta' **strumenti internazzjonali biex jiġi promoss l-investiment responsabbli** mmirat lejn is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem⁵, jiżgura l-ġustizzja u t-trasparenza fil-governanza tal-pussess tal-art⁶, u jkun allinjat mal-oġettivi klimatiċi u ambjentali.

⁵ B'mod partikolari [l-Prinċipji tas-CFS għall-Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agricoltura u tal-Ikel](#).

⁶ B'mod partikolari [l-Linji Gwida Volontarji tas-CFS dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Ikel](#).

15. Jenħtieġ li t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel tqis kif xieraq ir-**rabta bejn żoni urbani u rurali**, kif ukoll id-diversità tat-territorji u l-punti b'saħħithom u dawk dgħajfin speċifiċi tagħhom. F'dan ir-rigward, **approċċ territorjali u minn isfel għal fuq** li jqis l-isfidi lokali u li jutilizza l-assi lokali jista' jagħti kontribut importanti.

PRIJORITAJIET EWLENIN LI GĦANDHOM JITMEXXEW 'IL QUDDIEM MIS-SUMMIT DWAR IS-SISTEMI TAL-IKEL

16. Skont il-prinċipji ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem, b'referenza speċjali għad-dritt għall-ikel, l-UE⁷ hija impenjata li taħdem mas-sħab tagħha biex jintlaħqu l-oġġettivi tas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel biex tiġi appoġġata l-kisba tal-SDGs.
17. L-UE tenfasizza l-prijoritajiet trażversali li ġejjin għas-Summit, li jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mod komprensiv u integrat.

It-tisħiħ tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza

18. L-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura jeħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni għal popolazzjoni dinjija dejjem tikber b'mod sostenibbli. Dan ser jirrikjedi bidla lil hinn minn metodi u prattiki ta' produzzjoni mhux sostenibbli, u applikazzjoni fuq skala akbar ta' **soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u approċċi bbażati fuq l-ekosistemi**, bħal prattiki agroekoloġiċi, il-biedja organika u l-agroforestrija, u kapaċità akbar għall-ippjanar u l-ġestjoni integrati tal-użu tal-art. Hija meħtieġa attenzjoni partikolari fuq it-**tnaqqis tad-degradazzjoni tal-ħamrija u t-titjib tas-saħħa tal-ħamrija**. Barra minn hekk, iż-żieda fl-użu tar-riżorsi tal-ilma ħelu flimkien ma' nixfiet aktar frekwenti u intensi jeħtieġu azzjoni kuraġġuża għall-promozzjoni tal-**ġestjoni sostenibbli u integrata tar-riżorsi tal-ilma**, l-użu effiċjenti tal-ilma u l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma ħelu u tal-ħamrija.
19. **Politiki agrikoli u tal-ikel** b'saħħithom u oqfsa globali effettivi għall-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż riżorsi ġenetiċi, huma essenzjali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti.

⁷ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-UE, tal-UE u l-Istati Membri tagħha, jew esklużivament tal-Istati Membri tal-UE.

Flimkien ma' approċċi territorjali, **il-produzzjoni ġusta u trasparenti, iċ-ċertifikazzjoni ambjentali u l-iskemi ta' kwalità** huma għodod importanti li jistgħu jintużaw għal dak il-għan. Bl-istess mod, jenħtieġ li jissaħħu l-miżuri biex jittejjeb **l-użu responsabbli u sostenibbli tal-fertilizzanti, il-pestiċidi u l-antimikrobiċi**, inkluż permezz ta' miri ta' tnaqqis.

20. Il-preservazzjoni tal-oċeani u tal-ilma ħelu u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar huma essenzjali għall-produzzjoni tal-ikel għal dieti sostenibbli u tajbin għas-saħħa. Filwaqt li għandu jiġi rikonoxxut il-kontribut kruċjali tas-**sajd u l-akkwakultura**, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu żviluppati modi sostenibbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-frott tal-baħar globali. Jeħtieġ li l-ħidma f'dan il-qasam tiffoka fuq **il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut**, fuq l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat skont approċċ ta' tolleranza żero, u fuq il-ġlieda kontra s-sajd żejjed u l-prevenzjoni ta' impatti ambjentali negattivi. Jenħtieġ li s-Summit ihegġegħ il-**kooperazzjoni** dwar miżuri konkreti biex tiġi żgurata **ġestjoni effettiva tas-sajd** u l-**iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura** u l-ktajjen tal-valur tagħhom biex jiġu appoġġati sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti.
21. **Il-bijodiversità u s-sistemi tal-ikel** huma interdipendenti ferm. It-telfien tal-bijodiversità u l-ġestjoni ħażina tal-inputs u tal-iskart kimiċi jikkostitwixxu theddida serja għall-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel fit-tul u għar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel. Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati l-fatturi diretti u indiretti tat-**telfien tal-bijodiversità** fil-kuntest tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel. F'dan ir-rigward, huwa kritiku li titnaqqas id-dipendenza fuq **il-pestiċidi u l-użu eċċessiv ta' nutrijenti**, biex tiġi protetta u tintuża b'mod sostenibbli l-**agrobijodiversità**, inkluż permezz ta' prattiki agroekoloġiċi u l-biedja organika, u li jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tat-**tnaqqis tad-dakkara**, li huma vitali għal ekosistemi b'saħħithom u s-sigurtà tal-ikel. F'dan il-kuntest, l-UE tisħaq fuq l-importanza li jintlaħaq ftehim fil-COP 15 għall-KDB⁸ dwar **qafas globali trasformattiv u ambizzjuż tal-bijodiversità għal wara l-2020**.

⁸ Il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika

22. **Il-foresti u s-sistemi tal-agroforestrija** jikkontribwixxu f'diversi modi, kemm direttament kif ukoll indirettament, għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Huma meħtieġa sforzi konġunti msaħħa biex jiġi implimentat il-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti 2017-2030, sabiex jitwaqqfu **d-d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti madwar id-dinja**, inkluż il-**qtugħ illegali ta' siġar għall-injam**, u l-foresti jkunu ġestiti b'mod sostenibbli, b'attenzjoni dovuta għall-konservazzjoni tal-foresti primarji u dawk antiki. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-espansjoni agrikola hija waħda mill-fatturi ewlenin tad-deforestazzjoni madwar id-dinja, huwa ta' importanza ewlenija li jiġu żgurati **ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli**, inkluż billi jiġi minimizzat ir-riskju li l-prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jittqiegħdu fis-suq. Għal dak il-għan, jenħtieġ li s-Summit isaħħaħ **il-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali** dwar il-politiki u l-azzjonijiet biex il-pajjiżi jiġu mħeġġa jimplimentaw u jinfurzaw politiki u azzjonijiet ambizzjużi, ġusti u bbażati fuq ir-riżultati li jkunu mmirati lejn il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.
23. **Is-sistemi tal-ikel** huma affettwati ħafna mit-**tibdil fil-klima**, u fl-istess ħin huma fattur importanti tiegħu. L-investment responsabbli, l-innovazzjoni u t-teknoloġija diġitali joffru potenzjal kbir biex jiġu indirizzati l-**adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu** fis-sistemi alimentari kollha. Jenħtieġ li s-Summit iwassal għal **soluzzjonijiet, innovazzjonijiet u l-aħjar prattiki** li jkunu jistgħu jiġu applikati fuq skala kbira u jkollhom impatt deġġeni biex jinkiseb l-għan li jiġi eliminat il-ġuħ u jiġu indirizzati b'mod komprensiv l-għanijiet klimatiċi u tas-sostenibbiltà fis-sistemi alimentari kollha. F'dan ir-rigward, hija meħtieġa attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-innovazzjonijiet ikunu disponibbli u aċċessibbli għall-pajjiżi u l-komunitajiet l-aktar foqra u l-aktar vulnerabbli.
24. **Tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ċirkolari** tista' tagħti kontribut sinifikanti għal sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti. Huma meħtieġa sforzi msaħħa biex jitnaqqas l-użu ta' riżorsi naturali mhux rinnovabbli u biex jissaħħu s-**setturi b'bażi bijoloġika**, inkluż permezz tal-mobilizzar ta' investment u swieq responsabbli, kif ukoll it-trawwim tal-produzzjoni u l-ipproċessar sostenibbli tal-bijomassa. Barra minn hekk, **l-iżvilupp ulterjuri tal-potenzjal ta' sorsi sostenibbli ta' proteini** għandu rwol importanti fil-provvista globali tal-ikel.

25. Huwa kritiku li **jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-livelli attwali tat-telf tal-ikel u tal-ħela tal-ikel** biex nimxu lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. Sabiex tintlaħaq il-mira globali għall-2030 li jitnaqqas bin-nofs il-ħela tal-ikel fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumaturi, u li jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista (inkluż it-telf wara l-ħsad), jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni minn settur għall-ieħor u dik pubblika-privata; l-għoti ta' appoġġ għall-edukazzjoni u miżuri ta' sensibilizzazzjoni; il-promozzjoni ta' disinn effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari tal-imballaġġ tal-ikel; l-użu sikur ta' prodotti sekondarji u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel; it-titjib responsabbli tal-ħajja tal-prodotti fuq l-ixkaffa, u t-tisħiħ tal-monitoraġġ u r-rappurtar dwar it-telf tal-ikel u l-ħela tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel.
26. Huwa kruċjali li jiġu żgurati **għajxien deċenti u standard tal-għajxien** għall-produtturi primarji u għal dawk kollha li jaħdmu tul il-katina alimentari kollha, inkluż permezz ta' miżuri ta' protezzjoni soċjali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lir-rwol importanti **tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, tal-bdiewa b'azjenda agrikola tal-familja, u tal-produtturi fuq skala żgħira fis-sajd u fl-akkwakultura u fil-forestrija**. Sabiex dawn ikunu jistgħu jużaw b'mod sħiħ il-potenzjal tagħhom biex imexxu 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, huwa essenzjali li jingħataw aċċess aħjar għas-swieq, assi u inputs produttivi, finanzi u assigurazzjoni; li jiġu offruti governanza aħjar tal-pussess tal-art, żoni tal-ilma u tas-sajd, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u faċilitajiet tal-iġjene deċenti; li jittejjeb l-aċċess tagħhom għar-riċerka, l-għarfien, it-teknoloġija u l-innovazzjoni; u li jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-ktajjen tal-provvista lokali u dawk qosra.
27. Proċess ta' tranżizzjoni inklużiv jeħtieġ rikonoxximent xieraq tar-rwol ewlieni li jaqdu l-**popli indiġeni u l-komunitajiet lokali fis-sistemi tal-ikel**, permezz tat-tisħiħ tal-awtonomizzazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom. Huwa essenzjali wkoll li jittejjbu l-prospetti u l-istandards tal-għajxien tan-**nisa u ż-żgħażaġh** fiż-żoni rurali. Jenħtieġ li s-Summit jissottolinja l-ħtieġa għal azzjoni sostnuta u aċċellerata għal dak il-għan.
28. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġu indirizzati l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi fit-tul. F'dan ir-rigward, l-**assistenza umanitarja tal-ikel** tirrappreżenta element ewlieni tar-reżiljenza tal-ikel, billi tipproteġi l-ħajjiet u l-għajxien u tippermetti rkupru aktar mgħaġġel.

Jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu promossi **mekkaniżmi ta' assistenza għall-ikel aktar effiċjenti**, li jinkludu azzjoni antiċipatorja, trasferimenti ta' flus kontanti u akkwist lokali ta' oġġetti tal-ikel, li jistgħu jgħinu wkoll biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-interventi umanitarji u jiġu appoġġati s-sistemi tal-ikel lokali.

Il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa permezz ta' sistemi tal-ikel sostenibbli

29. Ix-**xejriet** attwali tal-**konsum tal-ikel** jeħtieġ li jsiru aktar sostenibbli. Il-konsumaturi għandhom rwol kruċjali x'jaqdu f'dan ir-rigward. L-appoġġ għal xejriet tad-dieta sostenibbli, sikuri, tajbin għas-saħħa u diversifikati, inkluż l-ikel ibbażat fuq il-pjanti, u l-promozzjoni tagħhom, permezz ta' **ambjenti tal-ikel, edukazzjoni, sensibilizzazzjoni u aċċess għall-informazzjoni mtejbja**, jenħtieġ li jkunu parti integrali mill-isforzi globali biex jiġu ttrasformati s-sistemi tal-ikel. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-promozzjoni ta' komunikazzjoni ċara lill-konsumaturi, b'mod partikolari permezz ta' **sistemi ta' tikkettar** trasparenti u edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni.
30. Flimkien ma' sforzi konġunti kontinwi biex jintemm il-ġuħ u tiġi miġġielda l-insigurtà tal-ikel, hija meħtieġa attenzjoni partikolari biex jiġi indirizzat il-piż dejjem jikber tal-**malnutrizzjoni** fil-forom kollha tagħha, li tinkludi l-koeżistenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni mal-**piż żejjed, l-obeżità u mard** ieħor mhux komunikabbli **relatat mal-ikel**. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lid-dieti li **t-tfal u l-adolexxenti** jeħtieġu sabiex jikbru u jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom, inkluż permezz ta' programmi ta' nutrizzjoni fl-iskejjel. Gwida internazzjonali dwar il-politiki għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa hija essenzjali, speċjalment għall-persuni l-iktar fqar u l-anzjani, u n-nisa u t-tfal li jgħixu f'kundest fraġli. L-UE tappoġġa l-użu estiż ta' indikaturi dwar id-diversità minima tad-dieta biex jiġi mmonitorjat il-konsum ta' dieti varjati fost il-gruppi tal-popolazzjoni.
31. **Prattiki kummerċjali** responsabbli u **politiki mmirati dwar l-iffissar ta' prezzijiet** jistgħu jaqdu rwol importanti biex jgħinu lill-persuni jagħżlu tajjeb l-ikel li jieklu, filwaqt li jikkontribwixxu għal **aktar trasparenza fis-suq** u kumpens aktar ġust għall-produtturi. Bl-istess mod, hija meħtieġa attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tal-użu msaħħaħ ta' **politiki dwar l-akkwist pubbliku u privat sostenibbli** u l-integrazzjoni ta' standards volontarji ta' sostenibbiltà f'dawn il-politiki.

32. Jenħtieġ li s-Summit iħeġġeġ miżuri effettivi biex jiżdiedu l-**aċċessibbiltà u l-affordabbiltà ta' dieti tajbin għas-saħħa permezz ta' sistemi tal-ikel sostenibbli**, inkluż għal gruppi vulnerabbli.

It-tisħiħ tas-sikurezza tal-ikel u s-saħħa pubblika

33. L-iżgurar tas-sikurezza tal-ikel li jingħata lill-konsumaturi huwa tal-akbar importanza. Dan jeħtieġ il-kapaċità li l-ikel **jiġi ttraċċat** b'mod adegwat **fil-katina alimentari kollha** u li **jiġu minimizzati r-riskji**, inkluż fl-istadji tal-ipproċessar tal-ikel u tal-bejgħ bl-imnut, u li l-**frodi alimentari tiġi miġġielda** b'mod effettiv. F'dan ir-rigward, l-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tagħha għall-ħidma importanti tal-**korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni**, b'mod partikolari l-Kummissjoni Codex Alimentarius, il-Kummissjoni dwar Miżuri Fitosanitarji (CPM) fil-qafas tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC) u l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE). Jenħtieġ li l-iżvilupp ta' standards internazzjonali bbażati fuq ix-xjenza u l-evidenza minn dawn l-organizzazzjonijiet iqis kif xieraq is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel.
34. Rekwiżit ċentrali biex tirnexxi t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel huwa l-implimentazzjoni sħiħa tal-**approċċ "Saħħa Waħda"**, peress li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjenti kondiviżi tagħhom huma marbutin flimkien b'mod inseparabbli. F'dan ir-rigward, il-**kollaborazzjoni tripartitika** bejn l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) jenħtieġ li tkompli tissaħħaħ u **tiġi estiża** biex tinkludi fuq l-istess termini l-**Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP)**. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' l-**Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli "Saħħa Waħda"** li għadu kif inħoloq li jinvolvi l-FAO, l-OIE, id-WHO u l-UNEP.
35. Ir-**reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR)** hija theddida fundamentali għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-produzzjoni ta' ikel sikur u sostenibbli. L-UE ser tkompli tippromwovi bil-qawwa l-**użu responsabbli, prudenti u sostenibbli tal-antimikrobiċi** u ttenni l-appell tagħha biex l-użu tagħhom bħala promoturi tat-tkabbir jieqaf gradwalment. Jenħtieġ li s-Summit jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-isforzi globali biex jiġi implimentat il-**Pjan ta' Azzjoni Globali tal-2015 dwar l-AMR** permezz tal-approċċ "Saħħa Waħda".

36. Il-prevenzjoni ta' **mard żoonotiku** u t-tnejn għalih huma ta' importanza vitali. L-UE tisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' rispons u li jiġu żviluppati u implimentati aħjar linji gwida internazzjonali dwar miżuri aktar stretti ta' sikurezza u iġjene, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE). F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqiesu b'mod sħiħ ir-riskji tal-**emerġenza u t-trażmissjoni ta' żoonożi ġodda**, assoċjati mal-produzzjoni tal-annimali kif ukoll mal-interferenza tal-bniedem mal-ekosistemi u mal-ispeċijiet ta' organiżmi selvaġġi. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jittaffew dawk ir-riskji, inkluż permezz ta' miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi.

Il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel permezz tal-kummerċ

37. Il-kummerċ internazzjonali miftuħ, trasparenti u bbażat fuq ir-regoli, konsistenti mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), u l-istandards sanitarji u fitosanitarji, għandhom rwol importanti x'jaqdu biex jiġu żgurati l-aċċess għal dieti suffiċjenti, sikuri u tajbin għas-saħħa għal kulħadd. **Ftehimiet kummerċjali multilaterali u bilaterali jistgħu jkunu għodda importanti biex jinkisbu objettivi ambizzjużi ta' sostenibbiltà b'rabta mas-sistemi tal-ikel**, b'mod partikolari foqasma ewlenin bħall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, tal-art u tal-foresti; il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u l-injam maħsud b'mod illegali; il-ġlieda kontra t-tixrid ulterjuri tal-AMR u l-prevenzjoni tagħha; il-promozzjoni tal-użu sostenibbli u prudenti tal-pestiċidi; it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali; u l-protezzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. L-UE ser tkompli tikkomunika mas-sħab kummerċjali tagħha u tappoġġahom, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. L-UE ttenni wkoll l-appoġġ tagħha għall-isforzi favur **ir-riforma tad-WTO** bil-għan li jissaħħaħ il-kontribut tad-WTO għall-iżvilupp sostenibbli.
38. Flimkien mal-kummerċ internazzjonali, jenħtieġ li jingħata rikonoxximent xieraq lill-kontribut li **l-kummerċ reġjonali u dak lokali** jista' jagħti għal sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti, inkluż permezz ta' **ktajjen tal-provvista qosra**. Il-bini, it-tisħiħ u t-titjib tal-**aċċess għas-swieq reġjonali u lokali** huma vitali biex tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn is-sistemi tal-ikel lokali, reġjonali u globali, u b'hekk jissaħħu kemm is-sostenibbiltà kif ukoll ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel.

Soluzzjonijiet finanzjarji u mudelli ta' negozju ġodda

39. **Soluzzjonijiet finanzjarji u mudelli ta' negozju** ġodda għall-partijiet ikkonċernati, inkluż appoġġ, fejn xieraq, permezz ta' finanzjament imħallat, mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tar-riskju u skemi ta' assigurazzjoni, huma meħtieġa biex jitrawmu sistemi tal-ikel sostenibbli. B'mod partikolari, jenħtieġ li dawn jippromwovu l-**aċċess għall-finanzjament għal investiment sostenibbli u responsabbli fis-sistemi tal-ikel**, b'enfasi fuq il-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira u dawk b'azzjenda agrikola tal-familja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. **Il-mekkaniżmi għall-obbligu ta' rendikont** u s-salvagwardji għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess potenzjali huma essenzjali f'dan ir-rigward.
40. Jenħtieġ li l-inċentivi li huma ta' ħsara għall-ambjent, il-bijodiversità u l-klima jitneħħew gradwalment. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-adozzjoni tas-**Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali tan-NU**, u tappella biex issir aktar ħidma biex jiġi promoss l-użu tal-**Kontabbiltà tal-Kapital Naturali** minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-sistema tal-ikel kollha.

It-titjib tal-għarfien xjentifiku u l-iżgurar ta' interfaċċa b'saħħitha bejn ix-xjenza u l-politika

41. Sabiex jiġu mifhuma aħjar l-isfidi u l-opportunitajiet assoċjati mat-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel u jiġu definiti l-prijoritajiet għal azzjoni, jenħtieġ li jitwettqu aktar **valutazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza u l-evidenza** tas-sistemi tal-ikel fil-livelli globali, reġjonali u tal-pajjiż.
42. Bl-istess mod, biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb dwar il-futur tas-sistemi tal-ikel, il-gvernijiet, is-settur privat, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-konsumaturi għandhom bżonn aċċess għall-**aħjar għarfien tekniku u soċjoekonomiku**, b'rikonoxximent xieraq għall-għarfien tradizzjonali u indiġenu. L-UE hija impenjata li tintensifika **t-trasferiment tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tat-teknoloġija** f'dan ir-rigward.
43. Jenħtieġ li s-Summit jikkontribwixxi għat-**tisħiħ tal-governanza tas-sistemi tal-ikel** f'livelli differenti, inkluż permezz ta' mekkaniżmi intergovernattivi u mekkaniżmi li jinvolvu diversi partijiet ikkonċernati, u jiżgura **interfaċċa b'saħħitha bejn ix-xjenza u l-politika** li tippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' politika infurmati b'mod sħiħ.

44. F'dan ir-rigward, l-UE tirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-**Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS)** u l-**Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tiegħu dwar is-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni (HLPE)**. Jenħtieġ li s-Summit iħeġġeġ lill-pajjiżi u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex isaħħu l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' politika tas-CFS. F'dan ir-rigward, l-UE tisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-**Linji Gwida Volontarji tas-CFS dwar is-Sistemi tal-Ikel u n-Nutrizzjoni adottati reċentement** u tappella għall-implimentazzjoni mifruxa tagħhom.

SEGWITU GĦAS-SUMMIT

45. L-UE hija impenjata biex jintlaħaq **eżitu ambizzjuż** mis-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel li ser **iqanqal it-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel**, b'approċċ li jħaddan id-dritt għall-ikel, permezz ta' viżjoni komuni riflessa f'**aġenda ċara fattibbli**, allinjata mal-arranġamenti tal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-SDGs.
46. Segwitu effettiv għas-Summit ser jirrikjedi **kooperazzjoni b'saħħitha min-NU** u **tisħiħ tal-inizjattivi tan-NU li għaddejjin bħalissa** biex jintlaħqu l-SDGs, filwaqt li jiġu evitati trikkib fil-flussi ta' ħidma jew id-duplikazzjoni tagħhom. L-UE tenfasizza l-importanza li jintużaw bl-aħjar mod il-**mekkaniżmi intergovernattivi u istituzzjonali eżistenti** biex jiġi żgurat li l-eżiti tas-Summit jixprunaw azzjonijiet ġodda u jstimulaw il-progress, kif ukoll biex jitkejjel u jiġi analizzat l-impatt tas-Summit fil-kuntest usa' tal-Aġenda 2030. Għal dak il-għan, huma meħtieġa **kollaborazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib** bejn l-**aġenziji u l-fora rilevanti tan-NU**, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), il-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu (IFAD), il-Programm Dinji tal-Ikel (WFP), il-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), il-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), il-Kummissjoni Codex Alimentarius u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC).

47. Hija meħtieġa attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li **l-eżiti tas-Summit** jitqiesu b'mod xieraq **fl-inizjattivi multilaterali u l-avvenimenti li ġejjin** bħas-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabir (Tokyo, Diċembru 2021), il-Konferenza Globali dwar l-Akkwakultura (Shanghai, Settembru 2021), il-Konferenza COP 26 dwar it-Tibdil fil-Klima (Glasgow, Novembru 2021), il-COP 15 tal-UNCBD (Kunming, Ottubru 2021), il-COP 15 tal-UNCCD (Settembru 2021), il-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani (Lisbona, 2022), il-Laqgħa ta' Livell Għoli Stockholm 50+ (Stokkholm 2022), u l-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma (New York, 22-24 ta' Marzu 2023).

Azzjonijiet u inizjattivi fil-livell tal-UE

48. L-UE għandha l-għan li tmexxi bl-eżempju fl-avvanz tal-proċess ta' trasformazzjoni ta' wara s-Summit, flimkien mas-sħab tagħha u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, u tinsab lesta li trawwem **alleanzi u sħubijiet** għal dak il-għan.
49. Bħala parti mill-azzjonijiet ta' politika usa' tagħha biex tinkiseb is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni, u biex l-Aġenda 2030 titwettaq fl-UE u lil hinn minnha, l-UE, fir-relazzjonijiet mas-sħab kummerċjali tagħha, għandha l-għan li ssaħħa l-enfasi fuq sistemi tal-ikel sostenibbli bil-ħsieb li b'mod konġunt tinkiseb tranżizzjoni ta' suċċess fil-livell globali. Għaldaqstant, l-UE biħsiebha tinkludi **kapitolu speċifiku dwar is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE** li bħalissa qed jiġu nnegożjati u li ssaħħa l-kooperazzjoni f'dan il-qasam mal-pajjiżi li diġà kkonkludew ftehimiet kummerċjali mal-UE.
50. L-UE hija impenjata wkoll li tkompli bl-isforzi kontinwi tagħha biex tiżviluppa **sistema tal-ikel tal-UE li tkun sostenibbli u reżiljenti** u tinsab lesta li taqsam it-tagħrif, l-għarfien espert u l-esperjenza tagħha mas-sħab tagħha. **L-azzjonijiet u l-inizjattivi ewlenin fuq terminu qasir u medju** li l-UE biħsiebha twettaq għal dak il-għan, b'mod partikolari fil-kuntest tal-**"Patt Ekoloġiku Ewropew"** u tal-**"Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt"** tagħha, jinkludu:
- l-iżvilupp ta' qafas leġislativ tal-UE għal sistemi tal-ikel sostenibbli;
 - it-tħejjija, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ta' Kodiċi ta' Kondotta għal prattiki tan-negożju u kummerċjali responsabbli;

- l-iżvilupp ta' miri vinkolanti biex titnaqqas il-ħela tal-ikel, abbażi tal-metodoloġija l-ġdida biex titkejjel il-ħela tal-ikel;
- l-iżvilupp ta' "Linji Gwida għall-Akkwakultura Sostenibbli", biex tiġi żgurata l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel minn akkwakultura ġestita b'mod sostenibbli;
- it-tnejn ta' leġislazzjoni biex jiġi evitat jew minimizzat it-tqegħid ta' prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti fis-suq tal-UE, kif ukoll aktar inizjattivi biex titwaqqaf id-deforestazzjoni u tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;
- l-iżvilupp ta' miżuri biex tiżdied l-art agrikola tal-UE li tintuża għall-biedja organika, biex tiżdied l-akkwakultura organika u biex jiżdied il-konsum ta' prodotti organiċi;
- l-iżvilupp ta' miżuri biex jintlaħqu miri ta' tnaqqis kwantitattivi għall-pestiċidi, l-antimikrobiċi u t-telf tan-nutrijenti;
- it-tnejn ta' inizjattivi fil-kuntest ta' "Orizzont Ewropa" biex jiġu appoġġati proġetti ambizzjużi internazzjonali u transdixxiplinari ta' riċerka u innovazzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli (inkluż permezz ta' sħubija li jisimha "Sistemi tal-Ikel Sikuri u Sostenibbli għan-Nies, il-Pjaneta u l-Klima");
- it-tnejn ta' "Inizjattiva tal-UE għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola" għaċ-ċertifikazzjoni tat-tneħħija tal-karbonju abbażi ta' monitoraġġ u verifika robusti u trasparenti;
- l-iżvilupp ta' proposta li tfittex li tipprovdi skema armonizzata ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ibbażata fuq ix-xjenza u qafas ta' tikkettar sostenibbli;
- it-tnejn ta' inizjattivi biex tiġi stimulata r-riformulazzjoni tal-ikel ipproċessat, inkluż fejn applikabbli l-iffissar ta' livelli massimi għal ċerti nutrijenti, u biex tiġi ristretta l-promozzjoni ta' ikel b'kontenut għoli ta' melħ, zokkor u/jew ċertu xaħam;
- ir-rieżami tal-programm ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli u tal-ikel u l-iskema tal-UE għall-iskejjel, kif ukoll l-appoġġ tal-UE għall-akkwist tal-ikel biex jittejjbu l-produzzjoni, id-disponibbiltà u l-adozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli;

- it-titjib tat-tħejjija għall-kriżijiet tal-ikel, it-tiżiħ ta' azzjoni antiċipatorja fl-indirizzar tal-kriżijiet tal-ikel u l-operazzjonalizzazzjoni ulterjuri tan-Network Globali kontra l-Kriżijiet tal-Ikel tul l-assi tal-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi.
-